**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 192/2019MV**

**Maria Ghigo (K.I. 45436M)**

**vs**

**Henry Glanville (141047M)**
**u b'digriet tal-Bord tat-18 ta' Mejju 2021,**
**giet kjamata in kawza Carmen Glanville**

**Illum, 25 ta' Ottubru, 2022**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur tal-5 ta' Settembru 2019 li jghid hekk:

"1. Illi r-rikorrenti hija l-propjetarja tal-fond bin-numru ufficjali 51 qabel kien 31 f'Sacred Heart Street, Paola.

2. Illi fil-fatt ir-rikorrenti kienet wirtet dan il-find minghand zewgha Attilio Ghigo kif jirrizulta mid-denunzja maghmula fl-atti tan-Nutar Henri Darmanin tat-8 ta' Marzu 2013 [Dokument 'A'];

3. Illi dan il-fond kien gie rekwizizzjonat mis-Segretarju tad-Djar fit-13 ta' Marzu 1984 permezz ta' Ordni ta' Rekwizizzjoni numru 47129;

4. Illi s-Segretarju tad-Djar kien alloka dan il-fond lill-intimat Henry Glanville u baghat ittra ufficjali lil Attilio Ghigo fit-8 ta' Novembru 1984 [Dokument 'C'] fejn obbliga lis-sid sabiex jirrikonoxxi lil Glanville bhala inkwilin, u b'hekk giet kreata kirja protetta li ghaliha japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, skond kif jipprovdi l-Artikolu 8(6) tal-Kap. 125;

5. Illi b'sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza 72/2013 fl-ismijiet *Maria Ghigo vs Awtorita' tad-Djar u l-Avukat Generali u Henry Glanville* sabet illi r-rikorrenti kienet qed issofri lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha u ghalhekk iddecidiet illi '(a) id-disposizzjonijiet tal-Att dwar id-Djar (Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta), u konsegwentament ukoll l-ordni ta' rekwizizzjoni li nharget that id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att fir-rigward tal-fond in kwistjoni, kif ukoll l-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta), huma bla effett safejn huma inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni' u ddikjarat li (b) 'l-intimat Glanville ma jistax ikompli jistrieh fuq id-disposizzjonijiet tal-ordinanza fuq imsemmija bhala bazi legali ghal okkupazzjoni tieghu tal-fond de quo';

6. Illi l-uniku titolu li l-intimat Henry Glanville kien igawdi fuq il-fond in kwistjoni kien dak ta' kirja protetta derivanti mill-fatt li hu gie allokat fond rekwizizzjonat, u ghalhekk billi llum il-gurnata l-Qorti Kostituzzjonali kif diga' inghad iddikjarat li l-istess intimat ma jistax aktar jibqa' jistrieh fuq dik il-bazi legali biex jibqa' jokkupa l-fond;

7. Illi minkejja li r-rikorrenti baghtet ittra ufficjali [Dokument 'D'] fejn tablet lill-intimat jirritornalha c-cwievet tal-fond, l-intimat baqa' inademplenti u rrifjuta li jizgombra billi baghat ittra ufficjali responsiva [Dokument 'E'] fejn huwa ghazel li jinjora kompletament id-dispozittiv tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali appena citat;

8. Illi wara s-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 fuq imsemmija l-intimat ma jistax aktar ivanta titolu fuq il-fond in kwistjoni billi jistrieh fuq id-dispozizzjonijiet tal-ordinanza fuq imsemmija;

9. Illi ghalhekk, in vista tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 fuq imsemmija, kull titolu li seta' kellu l-intimat huwa in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ma jistax aktar jigi vantat b'success mill-intimat;

10. Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux dritt jibqa' in okkupazzjoni tall-fond stante li ai termini tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 2019 gie ddikjarat illi huwa ma jistax jinqeda izjed bit-titolu lokatizju li kienet taghtih l-ordinanza wara l-allokazzjoni tal-fond bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni biex jiggustifika z-zamma tal-fond tar-rikorrenti;

11. Illi l-intimat ma ghandu l-ebda titolu iehor fuq il-fond imsemmi u ghalhekk ma ghandu ebda difiza x'jaghti kontra t-talbiet tar-rikorrenti;

12. Illi inoltre dan ifisser illi mill-1 ta' Frar 2019 sad-data li effettivament johrog mill-fond l-intimat ghandu jhallas kumpens lir-rikorrenti ghall-okkupazzjoni minghajr titolu tal-istess fond, u l-proceduria odjerna qed issir b'rizerva ghad-dritt tar-rikorrenti li titlob tali kumpens b'kawza separata;

13. Illi ma' dna ir-rikors qieghed jigi anness wkoll affidavit tar-rikorrenti Maria Ghigo (Dokument 'B');

14. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jghaddi biex jiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tall-kawza ai termini tal-istess Arrtikolu 16A tal-Kap. 69;

Ghaldaqstant titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu, previa kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opprtuna:

1. Jaqta' u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna lill-intimat sabied, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dan l-Onorabbli Bord, jivvaka mill-fond bin-numru ufficjali 51 qabel kien 31 f'Sacred Heart Street, Paola, u jizgombra l-effetti personali tieghu kollha mill-istess fond;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2350/2019 hawn annessa bhala Dokument 'D'.

Bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Henry Glanville li tghid hekk:

"Illi l-gudizzju mhux integru stante illi l-fond huwa lokat lill-intimat u martu Carmen Glanville li ghandha tigi kjamata in kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi stante illi l-lokazzjoni tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Illi d-domand attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-fond ilu mikri lilhom mit-13 ta' Marzu 1984 meta inharget ordni ta' rekwizizzjoni 47129 f'idejn l-intimat Henry Glanville u ghalhekk jinhtieg f'dan l-istadju li jigu kjamati in kawza l-Awtorita' tad-Djar minn fejn hu naxxenti t-titolu tieghu.

Illi l-fond ilu mikri lill-intimat mill-1984, ilu jhallas il-kera lill-Awtorita' tad-Djar minn dak iz-zmien bir-rata ta' Lm32 fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, liema kera oghliet ai termini tal-Att X tal-2009 ghal €185 fis-sena b'zieda fil-kera kull tlett snin mill-1 ta' Jannar 2010.

Illi l-Ordni ta' Rekwizizzjoni saret ghal skopijiet pubblici u l-intimat ghadnu titolu naxxenti mill-ligijiet vigenti ossia mill-Att dwar id-Djar ossia l-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn twieldet ir-relazzjoni guridika bejn possessor Awtorita' tad-Djar u inkwilin.

Illi m'hemmx relazzjoni guridika f'dan l-inkwilinat bejn ir-rikorrneti u l-intimat stante illi huwa jiddeposita l-kera regolari mal-istess Awtorita' tad-Djar.

Illi l-pussess tal-intimati huwa legittimu u ma jistghux l-intimati jigu zgumbrati meta huma ghandhom titolu ta' lokazzjoni naxxenti mill-istess ligi bejn l-Awtorita' tad-Djar u l-intimati.

Illi l-intimati huma anzjani, m'ghandhomx fejn joqoghdu, m'ghandhomx proprjeta' ohra u l-unika dar ta' residenza taghhom huwa l-fond in kwistjoni li tieghu jgawdu titolu ta' kera minghand il-possessur taghhom ossia l-Awtorita' tad-Djar.

Illi r-relazzjoni taghhom mal-Awtorita' tad-Djar hija indipendenti u mhux dipendenti fuq ir-relazzjoni tas-sid mal-istess Awtorita', u l-lokazzjoni naxxenti bejn il-possessur Awtorita' tad-Djar hija kirja sui generis u ghandha hajja ghal kollox indipendenti mir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-istess Awtorita' tad-Djar.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom."

Rat ir-risposta tal-kjamata in causa Carmen Glanville fejn tghid hekk:

"1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan il-Bord stante li mhemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimata peress li l-fond imsemmi huwa fil-pussess taghha tramite ordni tar-rekwizizzjoni 47129/84 mahruga fit-13 ta' Marzu 1984 mill-Housing Secretary, illum Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u ghalhekk, hija l-

Prim'Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li trid tinvestiga l-izgumbrament mill-fond in kwistjoni u dan ai termini tal-Artikoli 8(2) u 8(4) u 8(5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi hija ilha mizzewga lil Henry Glanville mid-19 ta' Frar 1975 u ilha tghix fil-fond in kwistjoni mill-1984 u l-kera bdiete tithallas lil Housing Secretary u baqghet hekk tithallas sal-gurnata tal-lum.

3. Illi s-sid Maria Ghigo qatt ma rrikkonoxxiet lill-intimati bhala kerrejja minkejja r-rekwizizzjoni u jew bhala sullokkaturi tal-bini skont il-kas ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi galadarba kull sullokkazzjoni ma titqiesx bhala tali ghall-finijiet tal-Artikolu 9 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, dan il-Bord ghandu jirrifjuta jezercita l-gurisdizzjoni biex jiddeciedi fuq l-izgumbrament tal-intimati.

5. Preliminarjament illi s-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2019 rikors numru: 72/2013 JPG f''ismijiet Maria Ghigo vs Awtorita' tad-Djar et, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali u s-sentenza tat-28 ta' Frar 2005 f'ismijiet Attiglio Ghigo vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, ma jiffurmawx stat in konfront taghha stante li hija qatt ma giet imharrka biex tkun parti fil-kawzi fuq imsemmija biex b'hekk ghal din ir-raguni wkoll, hija m'ghandhiex tigi zgumbrata mill-fond in kwistjoni.

6. Illi l-pussess tal-intimati huwa legittimu u ma jistghux l-intimati jigu zgumbrati meta huma ghandhom ordni ta' rekwizizzjoni favur taghhom naxxenti mill-istess ligi bejn l-Awtorita' tad-Djar u l-intimati.

7. Illi l-intimati huma anzjani u m'ghandhomx fejn joqoghdu u m'ghandhomx proprjeta' ohra u l-unika dar ta' residenza huwa l-fond in kwistjoni li tieghu jgawdu titolu ta' kera minghand il-possessur taghhom ossia l-Awtorita' tad-Djar.

8. Illi r-relazzjoni taghhom mal-Awtorita' tad-Djar hija indipendenti u mhux dependenti fuq ir-relazzjoni tas-sid mal-istess Awtorita' u l-pussess naxxenti bejn l-Awtorita' tad-Djar hija forma ta' kirja sui generis, mhux taht il-kompetenza ta' dan il-Bord, kif jistipula l-Artikolu 8(4) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif jirrizulta mill-Artikolu 12(2) tal-istess Kap.

9. Illi ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta l-Att dwar id-Djar ghandu jibqa' jghodd ghal kull bini li jkun fil-pussess tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali fit-28 ta' Frar 1995.

10. Salv eccezzjonijiet ohra."

Din hija sentenza rigwardanti eccezzjoni preliminari li qajjmet il-kjamata in kawza Carmen Glanville.[1] Fir-risposta tal-kjamata in causa Carmen Glenville tat-19 ta' Mejju 2021 gie espost is-segwenti:

> *'Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan il-Bord stante li m' hemmx relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-*

[1] A folio 80 tal-process seduta tat-18 ta' Mejju 2021.

*intimata peress li l-fond imsemmi huwa fil-pussess taghha tramite ordni tar-rekwizizzjoni 47129/84 mahrug fit-13 ta' Marzu 1984 mill-Housing Secretary, illum Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u ghalhekk, hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ai termini tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li trid tinvestiga l-izgumbrament mill-fond in kwistjoni u dan ai termini tal-artikoli 8(2), 8(4) u 8(5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta.'*[2]

**Ikkunsidra:**

Is-sottomissjoni tal-kjamata in kawza hija bbazata fuq l-artikolu 8(2), (4) u (5) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw testwalment hekk:

"*8(1) Meta xi persuni jkunu ġew ipprovduti fejn igħammru f'bini miżmum permezz ta' rekwiżizzjoni, id-Direttur jista' f'kull żmien, b'ittra uffiċjali, jordna lir-rekwiżizzjonat li jirrikonoxxi bħala kerrejja lill-persuni li jkunu hekk ipprovduti jew bħala sullokaturi tal-bini, skont il-każ.*

*(2) Fi żmien tletin jum minn meta jiġi nnotifikat b'ittra uffiċjali taħt l-aħħar subartikolu qabel dan, ir-rekwiżizzjonat, b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'kontestazzjoni tad-Direttur, jista' jitlob għall-awtorizzazzjoni sabiex ma joqgħodx għal dik it-talba:*

*Iżda fil-każ li l-bini jkun ġie meħud b'rekwiżizzjoni mingħand il-kerrej, dan tal-aħħar, b'ittra uffiċjali li għandha tiġi ppreżentata fi żmien ħmistax il-jum minn meta jkun ġie nnotifikat bl-ittra uffiċjali li hemm imsemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan, jista' igħarraf lid-Direttur illi huwa ma jixtieqx jissokta jibqa fil-kera, u meta jsir*

[2] A folio 81 tal-process.

*dan id-Direttur jkollu l-jedd li jieħu passi taħt l-aħħar subartikolu qabel dan kontra s-sid.*

*(3) Il-qorti ma tagħtix l-awtorizzazzjoni sabiex ma jsirx skont it-talba imsemmija fl-aħħar subartikolu qabel dan kemm-il darba ir-rikorrent ma jurix b'sodisfazzjon tal-qorti illi jekk huwa joqgħod għal dik it-talba huwa jbati konsegwenzi ħorox:*

*Iżda d-dikjarazzjoni illi r-rekwiżizzjonat jixtieq li jieħu pussess tal-bini għall-użu tiegħu innifsu jew għall-użu ta' xi ħadd tal-familja tiegħu ma titqiesx fiha nfisha bħala tbatija ta' konsegwenza ħarxa għall-finijiet ta' dan is-subartikolu.*

*(4) Kull sullokazzjoni li tinħoloq bis-saħħa ta' dan l-artikolu ma titqiesx li hija sullokazzjoni għall-finijiet tal-artikolu 9 tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid ta' Kiri ta' Bini.*

*(5) Ebda jedd ta' preferenza taħt il-Kodiċi Ċivili jew taħt l-Ordinanza li Trażżan il-Kera fuq id-Djar ma jkun kompetenti dwar xi kirja jew sullokazzjoni maħluqa bis-saħħa ta' dan l-artikolu.*

*(6) Meta tinħoloq lokazzjoni jew sullokazzjoni bis-saħħa ta' dan l-artikolu, f'dan il-każ, kemm-il darba ma jsirx ftehim kuntrarju permess mill-liġi, jitqies li jkun sar bejn ir-rekwiżizzjonat tal-fond u l-persuna li tkun tinsab fih kuntratt ta' lokazzjoni jew sullokazzjoni tal-bini taħt il-kondizzjonijiet soliti stabbiliti mill-Bord li Jirregola l-Kera mwaqqaf bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u għal żmien tliet xhur, li jibda minn dak in-nhar tar-rikonoxximent definitiv, u jkollu jitħallas kera li jkun daqs l-ammont perjodiku mħallas jew li għandu jitħallas mid-Direttur bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-bini, bit-tliet xhur bil-quddiem.*"

**Ikkunsidra:**

Illi l-kjamata tishaq li l-unika artikolu relevanti ghal vertenza huma l-artikolu 8(2)(4)(5) u ladarba Attilio Ghigo, li jigi missier Maria Ghigo, qatt ma rrikonoxxa lil zewgha u wisq anqas lilha ma tezisti ebda lokazzjoni jew sullokazzjoni bejn il-partijiet ai fini u effetti tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha l-ohra, r-rikorrenti jiddikjaraw li s-subincizi ikkwotati mill-kjamata iridu ukoll jinqraw fl-isfond tas-subincis (6) tal- istess artikolu 8. Dan ifisser li ladarba Attilio Ghigo ma opponiex ir-rekwizizzjoni u din ghada fis-sehh allura inholqot relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti u l-inkwilin Henry Glanville u per konsegwenza ukoll fil-konfront ta' martu Carmen Glanville minhabba li l-kirja ma hix att straordinarju.

F' dan is-sens il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Perit Arkitett Edwin Delia et vs Segretarju tad-Djar illum maghruf bhala Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali** deciza fit-13 ta' Mejju 1992 per Is-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici flimkien mal-Imhallfin Joseph A. Herrera u Carmel A. Agius tenniet:

*'Meta dawn ivvakaw, il-fond regghu gew rekwizizzjonati, u ir-rikorent kontra* ***dik*** *ir-rekwizizzjoni m' ghamlu xejn u kien biss* ***wara*** *li huma gew mitluba li jirrikonoxxu l-inkwlini msemmija fir-rikors, li huma pprezentaw il-procedura prezenti biex jevitaw il-konsegwenzi gravi li dak ir-rikonoxximent igibilhom.'*[3]

Mill-atti ma jirrizultax li b'xi mod Attilo Ghigo, li dak iz-zmien kien sid il-fond oppona t-talba tal-Housing Secretary. Il-fatt biss li hu qatt

[3] Sottolinejar tal-Bord

ma accetta flus tal-kirja u anki l-eredi tieghu, illum ir-rikorrenti, baqghet ma taccettatx flus u l-kirja baqghet tigi accettata mill-Awtorita' tad-Djar ai fini tal-ligi, ma hux bizzejjed meta wiehed ma jaghmilx dak kontemplat fl-artikolu 8(2) tal-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kien fatali ghalih.

**Ikkunsidra:**

Il-Bord se jghaddi sabiex jara x'tghid d-definizzjoni tal-kelma "rekwizizzjoni... u ....rekwizizzjonat... taht il-Kap 125 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "rekwiżizzjoni" tfisser it-teħid ta' pussess ta' bini jew il-ħtieġa li l-bini jitħalla f'idejn l-awtorità li toħroġ ir-rekwiżizzjonijiet;[4]
>
> "rekwiżizzjonat" tfisser il-persuna jew persuni li mill-pussess tagħha jew tagħhom ikun meħud bini b'rekwiżizzjoni maħruġa mill-awtorità li toħroġ ir-rekwiżizzjonijiet.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa et** (App. Nru. 342/1982/1) deciza fis-16 ta' April 2004 mis-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano flimkien mal-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti iddikjarat:

> *'Din il-Qorti .....hija tal-fehma li minn punto di vista ta' dritt, darba li l-attur, u llum l-aventi kawza tieghu, gew u ghadhom legalment spussessati mill-fond de quo bhala sidien (in vista ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni), l-attur lanqas biss seta' jiddeduci l-pretensjoni tieghu bhal dik in ezami. Il-Qrati taghna kienu dejjem univoci u konkordi dwar dan. Fil-kawza fl-ismijiet **George Zahra vs Carmelo***

[4] Sottolinejar tal-Bord

***Chircop*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Frar 1960 (Koll. Vol. XLIV-1-42) inter alia gie ritenuto fiha hekk:*[5]

*'Kif din il-Qorti qalet recentement fid-decizjoni tagha tad-29 ta' Mejju 1959, in re* ***Cassar vs Dr. Zammit (sic),*** *fuq l-iskorta wkoll ta' gudikati precedenti, ir-rekwizizizzjoni ghandha bhala effett li tispossessa lir-'requisitionee' b' mod li minn mindu ssir, u sakemm tibqa' ssehh, il-pussess tal-fond u d]-disponibbilta' tieghu ma humiex aktar f' idejh, izda f' idejn l-amministrazzjoni, bil-konsegwenza illi is-sid hekk spossessat, pro tempore, ma ghandux l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet dwar l-okkupazzjoni tal-fond u in sostanza mhux persuna kapaci li toqghod in gudizzju dwarhom';*

*'Skond dan il-kriterju, ghandha ragun l-appellanti li tghid illi t-talba ta' l-attur ghall-izgumbrament ma setghetx tigi milqugha mill-ewwel Qorti, meta r-rekwizizzjoni kienet ghada ssehh. Anzi donnu jidher li ma setghetx tigi milqugha lanqas it-talba ta' l-attur ghad-dikjarazzjoni illi l-lokazzjoni kienet giet rizoluta, liema dikjarazzjoni, fil-kuntest tal-kawza, ma kinetx hlief strettament preambulari u incidentali ghat-talba tal-izgumbrament (ara Koll. Vol. XXXII-11-257; Vol. XXXIII-1-15)'.*

*'Il-posizzjoni dwar dan il-punt ma inbidlitx- hekk ara wkoll fost ohrajn, id-decizjoni in re:* ***Arthur Vella et vs Kevin Briffa et*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2001.'*

Dan jista' jfisser biss li bejn ir-rikorrenti u l-kjamata ma tezistix relazzjoni guridika u ghaldaqstant l-ebda talba ghall-izgumbrament

[5] Ara wkoll Philip Grima vs Direttur ghall-Akkomodazzjoini Socjali (Rik. Nru. 617/1996/1) deciza fis-26 ta' Ottubru 2004 per. Onr. Imhallef Noel Cuschieri.

taghha ma tista' tirnexxi.  Barra minn hekk il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Maria mart Anthony Brown et vs Giljan Abela** deciza fis-27 ta' Frar 1996 preseduta mis-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef Joseph Said Pullicino flimkien mal-Imhallfin Joseph A. Filletti u Albert Manche' qalet:

*'Waqt li m' hemmx disposizzjoni li espressament tiddikjara lill-Bord li Jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta' talba ghal ripreza ta' fond rekwizizzjonat, l-effetti tar-rekwizizzjioni jipprekludi lill-Bord milli biss jikkonsidra talba bhal dik u dan bhala konsegwenza tal-pussess vestit mill-ligi fl-Awtorita'; ghaliex ikun inutile u ozzjuz li l-Bord jippronunzja ruhu fuq it-talba meta din it-talba ma tistax a priori tigi milqugha ghax l-intimat, la m' ghandux pussess, ma jistax jigi zgumbrat....'*

Tkompli tghid dik il-Qorti:

*'Il-fatt li r-rekwizizzjini ta' fond ghadha in vigore jirrendi l-Bord li Jirregola l-Kera inkompetenti li jiehu konjizzjoni ta' talba ghall-izgumbrament'.*

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed  jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza Carmen Glanville ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u jiddikjara li l-Bord li Jirregola il-Kera huwa <u>inkompetenti</u> milli jiddeciedi fuq l-izgumbrament taghha mill-fond numru wiehed u hamsin (51), Sacred Heart Street, Paola.

L-ispejjez fir-rigward ta' din il-vertenza jithallsu mill-intimat l-iehor Henry Glanville ladarba kien hu li sejjhilha fil-kawza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg

Deputat Registratur.